


MEJJU - ĠUNJU 2013

## MESSAĠĠ MILL-KAP TAL-ISKOLA

### Ejjew Inħaddmu l-Magna Aħjar

Dawk il-ġenituri li ġabru r-riżultati ta' nofs is-sena f'forma ta' profil, bil-marki u l-kummenti minn kull għalliem, setgħu jaraw fid-dettall il-progress ta' wliedhom fis-suġġetti li jistudjaw. Ovvjament li r-reazzjonijiet kienu varji għax kien hemm min iċċelebra, min kien bil-geddum u min jiġi jaqa' u jqum. Il-konklużjonijiet kienu varji wkoll għax ħafna kienu dawk li ppruvaw jippuntaw subgħajhom lejn xi ħadd biex jiġġustifikaw dak ir-riżultat. Min waħħal fil-ħbieb, min faħħar jew maqdar l-iskola, min ma impurtahx, min waħħal fl-eżami għax kien tqil jew ħafif, min waħħal fin-nuqqas ta' studju, min waħħal fil-kompjuter jew l-Xbox, u elf skuża oħra.



L-eżami jien inqabblu ma' dik il-magna li trid titgħallem tħaddem sew u bir-reqqa kollha ħalli tipproduċi dawk il-marki li inti tkun kapaċi għalihom. Il-magni mhux kollha jaħdmu l-istess. Hemm dawk li huma diffiċli biex tħaddem u jkunu jridu aktar taħriġ fil-fond, esperjenza u studju u hemm magni oħrajn li huma anqas diffiċli. Tħaddem liema magna tħaddem tkun teħtieġ taħriġ sew, dedikazzjoni, attenzjoni u studju biex joħroġ il-prodott mixtieq.

L-istudent irid jifhem li l-eżami huwa dak il-mezz li jintuża biex hu jimxi aktar 'il fuq kemm fl-iskola kif ukoll fil-karriera li jkun ser jaqbad. Il-marki li jakkwista fih huwa l-kejl li s-socjetà tuża.

*...ikompli fuq paġna 2*



**Kulleġġ San Benedittu, Sekondarja Subien**
*Sħaħ fl-ispirtu u fil-ħidma*
☎ 21642427 🖷 21642423
✉ sbc.kirkop.bs@gov.mt
http://www.kulleggsanbenedittubs.com/

# EDITORJAL

## L-aħħar ġirja...

Meta jasal f'idejkom dan il-fuljett ikun għad fadal madwar ħames ġimgħat għall-eżamijiet tal-aħħar tas-sena u għalhekk l-għalliema flimkien mal-istudenti jkunu bdew l-aħħar ġirja ta' qabel l-eżamijiet. Qed insejħilha l-aħħar ġirja għaliex f'dawk l-aħħar ftit ġimgħat l-għalliema jkunu qed jirsistu sabiex ilestu l-aspetti kollha tas-sillabi ħalli mbagħad jagħmlu reviżjoni tax-xogħol li jkun sar sabiex l-istudenti jħossuhom aktar ippreparati meta jmorru għall-eżamijiet. Min-naħa tagħhom, l-istudenti wkoll iridu jkunu parteċipi f'din il-ġirja għaliex huma wkoll iridu jagħmlu l-almu tagħhom sabiex jirrevedu u jistudjaw dak li għallmuhom l-għalliema biex wara jaraw il-frott tal-ħidma tagħhom u meta tispiċċa s-sena skolastika jirċievu riżultati li jagħtuhom sodisfazzjon.

Jekk wieħed jirrifletti ftit, malajr jirrealizza kemm itir iż-żmien għax filli konna għadna fil-bidu tas-sena skolastika u filli wasalna fi tmiemha. Ġirja waħda ta' tagħlim, attivitajiet u esperjenzi varji f'sena mimlija daqs bajda. U hawn wieħed għandu jieqaf ftit u jistaqsi lilu nnifsu: X'tgħallimt din is-sena? Fejn mort tajjeb u fejn mort inqas tajjeb? Kif nista' mmur aħjar fis-sena skolastika li jmiss? X'nista' nirranġa? Daqsxejn riflessjoni u evalwazzjoni tagħmel ġid lil kulħadd, studenti, għalliema, ġenituri, amministrazzjoni tal-iskola, ħalli nkomplu mexjin 'il quddiem biex imbagħad fl-aħħar tal-ġirja wieħed ikun jista' jgawdi s-sodisfazzjon tal-ħidma kollha tiegħu. Kuraġġ u nawguralkom għall-eżamijiet li ġejjin!

Is-Sa C. Pisani Grixti
Assistenta Kap

---

*...ikompli minn paġna 1*

Jekk inti diżappuntat bil-marki u tixtieq ittejjeb il-marki li ġibt, għandek tfittex l-għajnuna sabiex tbiddel l-istrateġija ta' preparazzjoni li kont qed tuża. Kull wieħed minna huwa magħmul minn numru kbir ta' ħiliet. L-eżamijiet jagħtu marki fuq dawn il-ħiliet li tkun akkwistajt però ma jiġġudikawx kemm tiswa l-persuna. Din hija importanti u ta' min iżommha f'moħħu. Jien nemmen li kull student huwa kapaċi jasal fejn irid jekk jitfa' moħħu hemm, ifittex l-għajnuna u jkun kapaċi jippjana sew.

L-esperjenza u riċerki varji jikkonfermaw li l-kollaborazzjoni bejn id-dar u l-iskola tgħin biex dik il-magna taħdem aħjar u tipproduċi l-marki skont il-kapaċità u l-interess tal-individwu.

Is-Sur R. Portelli
Kap tal-iskola

# Vaganza Avventuruża fl-Ingilterra

Din is-sena grupp ta' tmien studenti mill-iskola tagħna pparteċipaw f'vaganza avventuruża ġewwa PGL Liddington fl-Ingilterra. Din kienet il-ħames darba li l-iskola tagħna pparteċipat f'din it-tip ta' avventura, li kull sena tiġi organizzata flimkien ma' skejjel oħra, kemm tas-subien, kif ukoll tal-bniet, minn madwar Malta kollha. L-iskejjel l-oħra li kienu magħna huma Sta Lucija



GSS, Sta Agata u San Injazju BSS. L-istudenti li pparteċipaw kellhom l-opportunità li jgħixu flimkien bħala komunità żgħira b'dak kollu li ġġib magħha. Huma qagħdu fi kmamar ta' erbgħa. Esperjenza oħra li kienet ġdida għal ħafna mill-grupp kienet il-kesħa kbira li sibna kif wasalna. Gwida minn taċ-ċentru qaltilna li kien l-aktar Marzu kiesaħ f'ħamsin sena. Mal-kesħa ġiet ukoll il-borra, li ġabet magħha ħafna tfigħ ta' borra u logħob li ħalla lil kulħadd b'idejh iffriżati.

Fiċ-ċentru, l-istudenti kellhom ħafna attivitajiet avventurużi relatati mal-edukazzjoni fiżika u xi ftit minnhom anke max-xjenza. Fost l-oħrajn l-istudenti pprattikaw ħafna minnhom għall-ewwel darba, *archery, climbing, abseiling, canoeing, raft building, giant swing, first aid, nature trail, sensory trail* u anke *fencing*. Dawn l-attivitajiet joffru prova iebsa għax jeħtiegu *teamwork*, makakkerija, applikazzjoni tal-liġi tal-fiżika, saħħa u enerġija. Barra minn hekk tgħallmu ħafna fuq is-sigurtà li hija neċessarja għal dawn l-attivitajiet primarjament billi jużaw *harnesses* differenti.



Kienet vaganza li offriet ħafna gost. L-istudenti tgħallmu bosta affarijiet. Aħna, bħala skola, inħossuna kburin li pparteċipajna f'attività bħal din. Din turi wkoll li t-tagħlim barra mill-klassi jista' jwassal għal kisbiet kbar, bħal li tirbaħ il-biża' mill-għoli u li żżid l-istima tiegħek innifsek. Dawn jistgħu jkunu ta' importanza akbar minn ħafna kisbiet akkademiċi.

Is-Sur A. Muscat
Għalliem







# Il-Festi tal-Għid ġewwa l-Italja



Il-Ġimgħa l-Kbira ta' din is-sena kienet kemxejn differenti għall-grupp ta' għoxrin student li jistudjaw il-lingwa Taljana fl-iskola tagħna. Flimkien ma' xi għalliema tat-Taljan u ġenitur għaddew ħamest ijiem fin-naħa ta' fuq tal-Italja fir-reġjun tal-Lombardija.

Fl-ewwel ġurnata żorna l-belt ta' Milan fejn it-tfal ammiraw il-kobor u s-sbuħija tad-Duomo ta' Milan. Żorna wkoll il-grawnd ta' San Siro, fejn jilagħbu Milan u Inter. It-tfal kellhom l-okkażjoni li jidħlu fid-*dressing rooms* u jpoġġu fejn is-soltu jpoġġu l-benjamini tagħhom. Fil-mużew tal-*istadium* raw ukoll it-tazzi li ntrebħu mit-timijiet kif ukoll flokkijiet iffirmati minn plejers ta' fama internazzjonali.

It-tieni ġurnata kienet waħda pjuttost kiesħa u bix-xita. Id-destinazzjoni tagħna kienet il-Lago Maggiore. Hemmhekk żorna l-Isola Bella u Isola dei Pescatori.



F'Ħadd il-Għid morna l-Iżvizzera, wieħed mill-pajjiżi li jmissu mal-Italja. Hemmhekk ammirajna x-xeni sbieħ li toffri l-belt ta' Lugano. Filgħodu morna passiġġata mal-Lago ta' Lugano u waranofsinhar tlajna bil-funikular fuq l-għolja ta' Monte San Salvatore. Hemmhekk rajna veduti mill-isbaħ tal-muntanji tal-madwar.

L-aħħar ġurnata kienet l-iktar waħda twila. Filgħodu żorna l-lokalità ta' Varenna mal-Lago ta' Como. Eżatt wara morna fejn Le Cascate dell'Acquafraggia; nixxigħat li joffru spettaklu li rari tara bħalu. Fl-aħħar tlajna ġewwa villaġġ fil-muntanji jismu Madesimo. Hemmhekk ħafna mit-tfal raw l-ewwel darba l-borra u erħilhom jintefgħu u jitremblu fih filwaqt li bdew jagħmlu blalen tas-silġ u jwaddbuhom lil xulxin. Wara ddeċidew ukoll li jagħmlu pupu tas-silġ.

Ma naqsux mumenti sbieħ fejn l-istudenti tagħna, waqt ikla tajba bi platti tal-lokal, bdew jiddiskutu l-esperjenzi tal-ġurnata. Wara dan il-vjaġġ, fejn it-tfal saru jafu aktar lil xulxin u fl-istess ħin skoprew is-sbuħija li taf toffri n-naħa ta' fuq tal-Italja u l-Iżvizzera, erġajna lura lejn Malta b'nostalġija kbira għal dawk il-mumenti sbieħ li qattajna flimkien.




Id-Dipartiment tat-Taljan

# Kelmtejn mid-Direttur Spiritwali



"Missier qaddis, ħarishom f'ismek dawk li inti tajtni, biex ikunu lkoll ħaġa waħda bħalna" (Ġw 17, 11). Din hi t-talba li għamel Ġesù għad-dixxipli tiegħu, talba li jkunu lkoll magħquda flimkien, bħala komunità. Ġesù għamel din it-talba għalina lkoll, biex aħna nħobbu lil xulxin u nkunu magħqudin ħaġa waħda.

Il-ħajja tal-ewwel dixxipli kienet imfassla fuq dak li xtaq Ġesù, jiġifieri li jkunu lkoll flimkien magħqudin bejniethom. "Dawk kollha li kienu jemmnu kienu ħaġa waħda, u kienu jaqsmu kollox bejniethom... kuljum kienu jmorru t-tempju flimkien, jaqsmu l-ħobż fi djarhom" (Atti 2, 44.46). Il-Papa Benedittu XVI, dejjem kien jenfasizza li jeħtieġ li nerġgħu nduru lejn l-għeruq tal-ħajja Nisranija, li nħarsu u nimitaw il-ħajja tal-ewwel insara li kienet ibbażata fuq dawn it-tliet pilastri: l-imħabba, il-maħfra u s-solidarjetà ta' bejniethom.



Illum, dawn it-tliet pilastri huma meħtieġa ħafna għas-soċjetà li ngħixu fiha. L-imħabba m'għandhiex tkun waħda egoista, li naħseb biss fija nnifsi imma li naħseb fl-oħrajn u li nagħti lili nnifsi; li nitlob maħfra meta niżbalja, imma wkoll li naħfer lil min jonqosni; li naħseb fl-oħrajn billi naqsam dak li għandi ma' dawk li jkunu jeħtieġu; jiġifieri li nkunu solidali ma' xulxin.

Għat-tielet sena konsekuttiva, fl-iskola tagħna qed tiġi organizzata 'Festa Komunità'. L-għan tagħha hu li l-komunitajiet kollha ta' dawk li ġejjin minnhom l-istudenti, jkunu flimkien. Jalla aħna lkoll: studenti, għalliema, amministrazzjoni, staff, ġenituri u ħbieb, inkunu lkoll magħqudin. B'hekk, bħall-ewwel Insara, inħallu l-imħabba, il-maħfra u solidarjetà fuq quddiem tal-aġenda tagħna.

Il-Paċi Magħkom.

Fr Glen
Direttur Spiritwali



# JUM IĊ-ĊELEBRAZZJONI FI 3D

Għalfejn fi 3D? Sa fejn naf jien ma rajniex xi film tal-aħħar teknoloġija! Le, xejn minn dan, imma kienet ċelebrazzjoni ta' Djalogu, Drama u Diversità.

Id-Djalogu kienet il-parti li fiha s-Surmast qasam mal-mistednin il-ħidma kontinwa fl-iskola tagħna. Diversità kienet it-tema prinċipali tas-serata. Tema li ġabret fiha dak kollu li kienet komposta Jum iċ-Ċelebrazzjoni, kemm l-għan ewlieni ta' din is-serata, jiġifieri l-mertu ta' ħafna studenti li kisbu riżultati tax-xogħol tagħhom, l-esebizzjonijiet li kien hemm fid-daħla tas-sala u żgur mhux l-inqas ir-rappreżentazzjoni **Il-Ħaġra**.





Il-Ħaġra spuntat minn ideat ta' studenti li kienu qed jaħdmu fuq proġett ieħor u ħarġu bi storja oriġinali li tirrifletti sitwazzjoni reali li għexuha missirijietna fi żmien il-ħaġar u li reġgħet irrepetiet ruħha llum. Il-qofol tal-istorja huwa l-iskarsezza tal-ilma u kif l-allat kienu talbu prezz verament għali sabiex tissolva din il-problema. Kienet xena mill-isbaħ u li ħadet ħafna ħin u involviet ħafna nies. Nibda mill-bini tas-sett, fejn wieħed seta' faċilment iħossu fl-ambjent ta' Ħaġar Qim, l-adattament tal-poeżija ta' Ġorġ Pisani, il-Ġgantija u r-rekordjar tagħha flimkien mal-mużika u effetti awdjo viżivi, iż-żifna tal-istudenti li ħaditilhom ħafna sigħat ta' provi u fl-aħħar u mhux l-inqas l-effetti tad-dawl. Kollox ta kontribut biex din ir-rappreżentazzjoni bdiet b'mod mill-aktar effettiv.

Missirijietna fehmu li l-messaġġ tal-allat kien wieħed ta' importanza u allura ddeċidew li dan għandu jitnaqqax fuq ħaġra, liema ħaġra rajnieha tgħaddi minn żmien għall-ieħor. Hekk ġara meta suldat f'nofs gwerra (xena oħra mill-isbaħ animata bi żfin ġinnastiku), irnexxielu jsib din il-ħaġra u għaraf li din ma kinetx ġebla komuni u allura żammha għandu.

*...ikompli fuq paġna 7*

...ikompli minn paġna 6

Il-Ħaġra għaddiet għand arkeologu, li kien jgħożżha ħafna u ma tantx ried li jitlaqha minn idejh. Imma s-sitwazzjoni kienet tirrikjedi li b'xi mod jinstab il-messaġġ li kien hemm fiha. Waħdu ma rnexxilux, imma bl-għajnuna ta' ġurnalist, irnexxielu jgħaqqad tim ta' esperti barranin li flimkien kien aktar faċli li jinstab dak li kien hemm imnaqqax fuq din il-ħaġra. U hekk ġara fl-aħħar xena, fejn ftiehmu li jekk isibu post il-ħaġra waqt tlugħ ix-xemx tal-ewwel ġurnata tar-rebbiegħa, għandu jiġi rivelat dan il-messaġġ sigriet. Dan kien messaġġ qawwi li nstema' mill-oraklu u li jekk vera jittieħed b'serjetà kbira, tista' tgħid li kull problema oħra li niltaqgħu magħha fid-dinja tgħib fix-xejn. Flimkien nistgħu negħlbu kull problema, għax fid-diversità hemm is-saħħa.





Din ir-rappreżentazzjoni offriet sfidi ġodda li jkolli ngħid irbaħniehom bil-kbir. L-aspett ta' diversità lħaqnieh minn kull lat. Fiha ħadu sehem studenti ta' etajiet u kapaċitajiet differenti, irrappreżentajna żminijiet differenti, kienet mitkellma b'sitt lingwi differenti u aktar għalliema taw kontribut f'oqsma differenti, biex b'hekk l-inqas dettall ingħata l-importanza li jistħoqqlu.

Nagħlaq billi nifraħ u nirringrazzja lil kull min ta sehem: studenti, għalliema, LSAs, staff minuri, l-SMT u oħrajn, li grazzi għall-ħidma u s-sapport tagħhom, kellna produzzjoni oħra ta' suċċess.





Is-Sur K. Scicluna
Direttur

# ĠUNJU 2013 TIME TABLE - EŻAMIJIET ANNWALI

| Ġurnata | Sessjoni | Form 1 | Form 2 | Form 3 | Form 4 |
|---|---|---|---|---|---|
| 12/6/2013 | 1 | M'hemmx Eżami | M'hemmx Eżami | M'hemmx Eżami | Orali |
| | 2 | | | | |
| 13/6/2013 | 1 | Matematika | Ingliż | Malti | Lingwi (4 sena) |
| | 2 | Xjenza | Studji Soċjali | Storja (General u Option) | Ġeografija (General u Option) |
| 14/6/2013 | 1 | Ingliż | Lingwi | GC | Malti |
| | 2 | Reliġjon | Ġeografija | ICT | Fiżika |
| 17/6/2013 | 1 | Lingwi | Malti | Ingliż | Kimika / Eur Studies / D&T |
| | 2 | Studji Soċjali | Xjenza | Reliġjon | Computer Studies |
| 18/6/2013 | 1 | Ġeografija | Storja | Matematika | Lingwi (2 sena) |
| | 2 | ICT | Reliġjon | Studji Soċjali (General u Option) | Storja (General u Option) |
| 19/6/2013 | 1 | M'hemmx Eżami | M'hemmx Eżami | Kimika / BS | Letteratura Ingliża |
| | 2 | | | Computer Studies | ICT |
| 20/6/2013 | 1 | Orali | M'hemmx Eżami | M'hemmx Eżami | M'hemmx Eżami |
| | 2 | | | | |
| 21/6/2013 | 1 | M'hemmx Eżami | Orali | Bijoloġija / Eur Studies / D&T | BS / Bijoloġija / TS |
| | 2 | | | PE | HE |
| 24/6/2013 | 1 | Malti | HE / GC / Mużika / TS | Lingwi (3 sena) | Matematika |
| | 2 | Storja | ICT | Ġeografija (General u Option) | Reliġjon |
| 25/6/2013 | 1 | HE / GC / Mużika / TS | Matematika | Lingwi (1 sena) | Ingliż |
| | 2 | M'hemmx Eżami | M'hemmx Eżami | Fiżika | Studji Soċjali (General u Option) |
| 26/6/2013 | 1 u 2 | M'hemmx Eżami | M'hemmx Eżami | Orali | M'hemmx Eżami |
| 27/6/2013 | 1 | D&T | D&T | HE | GC |
| | 2 | M'hemmx Eżami | M'hemmx Eżami | TS | PE |

Taqsir tal-kliem - BS (Business Studies); D&T (Design & Technology); GC (Graphical Communication); PE (Physical Education); HE (Home Economics); EUR ST (European Studies) TS (Textiles Studies)



**N.B. L-ewwel sessjoni DEJJEM tibda fit-8:00am waqt li t-tieni sessjoni DEJJEM tibda fl-10:30am. Il-brejk ikun fl-10:00am ħlief meta jkun hemm eżami ta' siegħa u nofs. It-trasport lura d-dar ikun fil-12:15pm.**

## Mejju 2013

| | |
|---|---|
| 8 | Ħarġa kulturali sal-Palazz tal-Inkwiżitur, il-Birgu (Klassijiet 3.1, 3.2 u 3.3) |
| 9 | Jum l-Isports għall-istudenti tal-Ewwel u t-Tieni Sena. |
| 10 | Family Fun Day - Għall-ġenituri u studenti tal-Ewwel Sena.<br>Attività Connecting Classrooms (għażla ta' studenti) |
| 13 | Laqgħa bejn il-Counsellor, il-Guidance Team u l-SMT.<br>Fieldwork fl-Imgiebaħ fil-limiti tal-Mellieħa. Studenti tat-3 Sena tal-Ġeografija *option.* |
| 15 | Fieldwork fid-Dwejra, Għawdex għall-istudenti tal-Ewwel Sena. |
| 17 | Festa Komunità<br>Jum l-Isports għall-istudenti tat-Tielet u r-Raba' Sena. |
| 21 | Taħdita għall-ġenituri u l-istudenti tar-Raba' Sena *: Looking Ahead: Preparing for SEC.*<br>Għoti ta' Ċertifikat rigward il-*Job Exposure* fis-Sala tal-iskola. |
| 29 | SDP (il-ġurnata kollha) |
| 29 - 31 | Benchmark 2013 (L-Ewwel Sessjoni) |

## Ġunju 2013

| | |
|---|---|
| 3 | Bidu tan-nofstanhari. |
| 3 - 5 | Benchmark (L-Ewwel Sessjoni). |
| 7 | Vaganza Pubblika. |
| 10 | Tranżizzjoni Parti 2A għall-istudenti kollha tas-Sitt Sena fil-Kulleġġ San Benedittu. |
| 12 | Tranżizzjoni Parti 2B (Taħdita għall-ġenituri tal-istudenti tal-iskola Primarja fil-Kulleġġ San Benedittu) |
| 12 - 27 | Eżamijiet Annwali. |
| 17 - 21 | Benchmark 2013 (it-Tieni Sessjoni). |
| 29 | Vaganza Pubblika. |

## Lulju 2013

| | |
|---|---|
| 8 - 10 | Inset. |
| 11 | Bidu tal-Vaganzi tas-sajf. |

*Il-programm jista' jinbidel skond il-ħtieġa*

# Esperjenza fid-dinja tax-xogħol għall-istudenti tar-Raba' Sena



Il-Career Exposure ilha ssir fl-iskola tagħna għal dawn l-aħħar ħames snin. Għall-bidu kienet issir għall-istudenti tal-Ħames Sena, imma mill-2010 bdiet issir meta l-istudenti tagħna jkunu fir-Raba' Sena. F'din il-ġimgħa, l-istudent għandu l-opportunità jara b'għajnejh stess u jesperjenza d-dinja tax-xogħol. Kien hemm diversi postijiet tax-xogħol fejn l-istudent seta' jagħti l-preferenzi tiegħu, iżda ovvjament, mhux kull talba tkun tista' tiġi milqugħa. L-istudenti kellhom l-opportunità li jagħżlu minn postijiet fis-sezzjoni tal-*catering*, *media*, uffiċini, kunsilli lokali, skejjel u oħrajn.



Din is-sena l-istudenti kollha setgħu jipparteċipaw għal din l-esperjenza. B'hekk kien hemm madwar 145 student li ġew offruti l-opportunità li jagħmlu ġimgħa esperjenza fuq il-kamp tax-xogħol. Min-naħa tal-Guidance Teachers u t-Trainee Career Advisor, ippruvajna kemm stajna sabiex nikkuntentaw lil kulħadd. Din l-opportunità tiġi offruta lill-istudenti bil-għan li dawn jifhmu aktar x'inhu mistenni minnhom bħala impjegati tal-futur. Ma kienx importanti li l-istudent imur f'post tax-xogħol fejn għada pitgħada għad imur jaħdem, imma li jkollu din l-esperjenza konkreta ta' xogħol. Hu ta' sodisfazzjon kbir li tara lill-istudenti kuntenti b'din l-esperjenza u li minnha tgħallmu ħafna.

Dan il-proġett jieħu ħafna żmien biex isir sewwa. Dan kollu ma jistax isir mingħajr l-għajnuna tal-għalliema kollha fi ħdan l-SDP, l-amministrazzjoni tal-iskola, it-Trainee Career Advisor, min iħaddem, kif ukoll l-istudenti u l-familji tagħhom.

Is-Sa R. Spiteri

F'isem id-Dipartiment tal-Guidance





# DEBATING SOCIETY

Insibu ħafna għaqdiet fl-iskola tagħna u issa riċentement twaqqfet għaqda ġdida li hija d-Debating Society. X'inhi? X'tagħmel? Bażikament id-Debating Society bdiet bħala idea tiegħi, tas-Sur Ray Muscat u s-Sa Rodianne Fenech. Id-Debating Society saret sabiex tlaqqa' l-istudenti flimkien biex jiddiskutu temi u topiks differenti relatati mal-ħajja tagħna u mad-dinja ta' madwarna. L-istudenti li jiġu, jpoġġu f'ċirku u permezz taċ-*chairman* li jmexxi d-dibattitu, jiftaħ id-diskussjoni tat-topik magħżul għal dak id-dibattitu. Waqt id-dibattiti d-diskussjonijiet jitmexxew b'mod demokratiku, sabiex kulħadd ikollu ċ-ċans jagħti l-opinjoni tiegħu u b'hekk tinżamm l-ordni.





L-ewwel dibattitu sar fit-8 ta' Marzu 2013 u s'issa attendew ammont sabiħ ħafna ta' studenti. Fost it-topiks li s'issa ġew diskussi hemm, il-ġenerazzjoni *online*, il-globalizzazzjoni u d-drittijiet fundamentali. Nittama li jkun hemm iktar studenti li jieħdu interess sabiex jidħlu fil-grupp, jipparteċipaw u wkoll jiddiskutu bejniethom b'mod demokratiku. Nixtieq nirringrazzja lis-Sur Ray Muscat, lis-Sa Rodianne Fenech u lis-Sa Maria Mifsud tal-għajnuna tagħhom.

Julian Izzo 4.1

# Attivitajiet Sportivi fl-Iskola

Matul it-tieni term kellna diversi attivitajiet sportivi, kemm ġewwa l-iskola u kif ukoll barra. Waqt il-ħinijiet tal-iskola komplejna bil-lezzjonijiet tal-għawm. Wara l-ħin tal-iskola komplejna bl-attivitajiet sportivi li huma:



- It-Tlieta – Badminton, Futsal għall-Ewwel u t-Tieni Sena u Sparar
- L-Erbgħa – Għawm, Table Tennis u Sparar
- Il-Ħamis – Għawm, Futsal mit-Tielet sal-Ħames Sena, Table Tennis u Sparar





Kull min ikun jixtieq jattendi għal dawn l-attivitajiet irid jimla applikazzjoni, li tista' tinġabar mingħand l-għalliem tal-P.E. is-Sur R. Baldacchino. Ta' min ifakkar li dawn l-attivitajiet sportivi qed isiru mingħajr ħlas grazzi għall-iskola u l-Kunsill Malti għall-Isport.

L-iskola ġiet irrappreżentata f'attivitajiet sportivi ma' skejjel oħra fejn ġibna riżultati tajbin ħafna. Fit-turnament tar-*rugby,* l-iskola tagħna ġiet l-ewwel fiż-żewg kategoriji mingħajr telfa. Fil-kompetizzjoni tal-baskitbol ġejna t-tielet, fil-volibol ġejna t-tieni u f'kompetizzjoni speċjali tal-atletika, fejn saru biss l-avvenimenti ta' *throws,* ġejna t-tieni bħala skola.

Ma ninsewx insemmu Jum l-Isports għall-istudenti tal-Ewwel u t-Tieni Sena li saret nhar id-9 ta' Mejju, waqt li nfakkar Jum l-Isports tat-Tielet u r-Raba' Sena li ser isir fis-17 ta' Mejju.



Is-Sur R. Baldacchino
Għalliem tal-Edukazzjoni Fiżika

# ĦARĠA EDUKATTIVA SAL-MITA

L-istudenti tat-Tielet Sena li jistudjaw is-suġġetti tal-BTEC IT kif ukoll, tal-Istudji tal-Kompjuter żaru l-uffiċini tal-MITA nhar l-10 t'April 2013.




Fil-fatt, f'din il-ħarga edukattiva l-istudenti tgħallmu kif din il-kumpanija tieħu ħsieb is-sistema tal-informatika fl-oqsma kollha tal-gvern. Kellhom iċ-ċans li jżuru u jsaqsu lill-ħaddiema tal-Customer Care fejn ta' kuljum jirċievu mijiet ta' telefonati biex isolvu xi problema tal-klijenti tagħhom.





F'sigurtà kbira l-istudenti kellhom l-opportunità li jżuru wkoll il-kmamar tas-servers. Il-ħaddiema li tkellmu mal-istudenti spjegaw ukoll l-importanza li l-istudenti jkomplu bl-istudji tagħhom għal suċċess fil-karriera tagħhom.

Kienet tassew esperjenza unika fejn l-istudenti tgħallmu u komplew isaħħu t-taħriġ tagħhom f'dan il-qasam.

Is-Sa R. Mamo u s-Sa A. M. Zammit
Għalliema



# TAĦDITA DWAR IR-REŻILJENZA FIL-ĦAJJA

Nhar il-Ġimgħa, 26 t'April, kienet ġurnata speċjali għalina l-għalliema li niffurmaw il-grupp tal-SDP tar-Resilience. Dan għaliex dakinhar kellu jiġi l-iskola mistieden speċjali li kien ser jagħmel taħdita lill-istudenti tat-Tielet u tar-Raba' Sena. Dan il-mistieden kien Noel Aquilina, li twieled bil-kundizzjoni tal-*ispina bifida*, u li huwa bniedem attiv ħafna fix-xena tal-isports, peress li jieħu sehem fit-tlielaq permezz tal-*handcycling*. Huwa jagħmel ukoll ħafna *motivational talks* kemm lill-kbar kif ukoll liż-żgħażagħ.





Waqt it-taħdita, Noel uża preżentazzjoni bil-*Powerpoint* li ħejja huwa stess biex jagħtina ftit informazzjoni dwar ħajtu, kif ukoll dwar il-kundizzjoni li għandu. Kif qalilna huwa stess, hu kellu bidu ħażin fil-ħajja, għax lanqas it-tobba stess ma stennew li huwa jgħix. Tant hu hekk, li meta twieled, it-tabib qal lill-ġenituri ta' Noel biex igawduh kemm jistgħu għax ma kellux ħajja twila.

Noel spjegalna li minkejja l-problemi fiżiċi li għandu, hu xorta waħda jirnexxilu jagħmel kulma jixtieq f'ħajtu, saħansitra jikkompeti fi tlielaq tal-*handcycling*. Huwa qed jippjana u jittrenja biex jieħu sehem ukoll fil-ParaOlympics li jmiss.

Dan il-mistieden qalilna wkoll li l-aktar ħaġa importanti fil-ħajja hija dik li ma taqta' qalbek qatt. Qalilna wkoll li biex inti tasal fil-ħajja, trid tibqa' temmen fik innifsek u tafda fik innifsek. Importanti wkoll li tkun taf tistaqsi u taċċetta l-għajnuna meta jkollok bżonnha.

U dik hi r-*resilience*. Li bniedem ikun reżilijenti sempliċiment tfisser li bniedem ma jaqtax qalbu, li minkejja problemi u għawġ li jista' jħabbat wiċċu magħhom, hu jibqa' għaddej mal-mewġ tal-ħajja, dejjem iħares 'l quddiem u dejjem jirsisti u jittama li l-ħajja tkun aħjar.

Is-Sa M. Micallef Grimaud
F'isem l-SDP Resilience

# FESTA KOMUNITÀ

Għat-tielet sena konsekuttiva l-Iskola Sekondarja Subien Ħal Kirkop, fi ħdan il-Kulleġġ San Benedittu se terġa' torganizza l-Festa Komunità. Din hi attività mifruxa fuq jum sħiħ fejn l-istudenti flimkien mal-ġenituri, qraba u ħbieb jingħaqdu flimkien sabiex jorganizzaw firxa ta' attivitajiet varji bil-għan li filwaqt li jgħaqqdu flimkien lill-irħula li jsawru din il-komunità skolastika, jinġabru fondi għal istituzzjonijiet filantropiċi.

Din is-sena, din l-attività se tkun iddedikata lid-Dar tal-Providenza, fejn bl-impenn tal-istudenti u l-għalliema, issawwar programm varjat li għandu jkun ta' interess għal dawk kollha li jogħġobhom iżuru l-iskola f'dak il-jum. Din is-sena din l-attività se ssir il-**Ġimgħa s-17 ta' Mejju 2013**, bl-attrazzjoni prinċipali tkun banda waħda magħmula minn elementi tad-diversi baned li jiġu mill-komunità ta' din l-iskola. Iżda mhux biss! Se jiġi mtella' spettaklu ta' kant u żfin fuq il-palk armat fil-bitħa prinċipali tal-iskola kif ukoll se jiġi servut menù ta' ikel varjat Malti u diversi *cocktails* mhux alkoħoliċi. Dan apparti diversi *stands* bi pjanti, kotba u affarijiet oħra utli għad-dar. Għat-tfal se jkun hemm ukoll *face-painting* u dawra bil-ferrovija ma tonqosx. Biha nkunu nistgħu ngħaddu mit-triqat ta' wħud mill-irħula tal-madwar f'atmosfera mill-isbaħ! Bilħaqq, se jkollna l-logħob tat-tombla wkoll!










Għaldaqstant, minn issa nħeġġu lill-ġenituri u l-kustodji kollha jieħdu nota ta' din l-attività u jagħmlu mezz li jkunu magħna **l-Ġimgħa s-17 ta' Mejju mis-7.00 ta' filgħaxija 'l quddiem.** Nappellaw lit-tfal tagħna jieħdu sehem fil-*fun run* li se ssir filgħodu. Imbagħad filgħaxija jiġu magħkom sabiex flimkien bħala komunità waħda niċċelebraw din il-festa! Fuq kollox, bil-preżenza u l-parteċipazzjoni tagħna nkunu qed niġbru fondi b'risq **Id-Dar tal-Providenza.**

Is-Sur M. Ghigo
F'isem il-kumitat organizzattiv







Il-Kulleġġ San Benedittu
Sekondarja Subien
jippreżentalkom

# FESTA KOMUNITÀ 2013



b'risq
ID-DAR TAL-PROVIDENZA

nhar il-Ġimgħa
s-17 ta' Mejju
mis-7 ta' filgħaxija




**Bord Editorjali:**

Assistenta Kap: *C. Pisani Grixti*
Disinn: *A. Galea*
Fotografu: *D. Bezzina, V. Zammit*
Issettjar: A. Galea, *A. M. Zammit*
Qari tal-Provi: *L. Deguara, W. Incorvaja*
*S. J. Polidano u C. Tanti*
Tradutturi: *D. Bezzina u P. Sacco*
Stampar: *C. Cassar*